

Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irregjistrat bir-referenza CHAP(2015)1071 – Aġġornament ta’ Lulju 2022

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd sostanzjali ta’ lmenti dwar l-inkompatibbiltà possibbli tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-maġistrati onorarji fl-Italja ma’ diversi dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol tal-UE.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-regjistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta’ referenza CHAP(2015)1071.

Fis-16 ta’ Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet, fil-kawża C-658/18 UX¹, li dawn il-maġistrati onorarji għandu jkollhom status ta’ ħaddiem. Fis-7 ta’ April 2022, fil-kawża C-236/20², il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fis-sentenza preċedenti tagħha u ddeċidiet li, jekk il-maġistrati onorarji jkunu f’sitwazzjoni komparabbli bħala mħallfin ordinarji, huma jkunu intitolati għal trattament ugwali f’termini ta’ liv annwali mħallas u protezzjoni tas-sigurtà soċjali.

Fil-15 ta’ Lulju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedura ta’ ksur billi tibgħat ittra ta’ intimazzjoni lill-Italja peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha li tapplika għall-maġistrati onorarji ma kinitx tikkonforma bis-sħiħ mal-liġi tax-xogħol tal-UE. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni Taljana naqset milli tikkonforma ma’ bosta dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE dwar ix-xogħol għal żmien fiss; il-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 97/81/KE dwar ix-xogħol part-time; id-Direttiva 2003/88/KE dwar il-ħin tax-xogħol, u d-Direttiva 92/85/KEE dwar il-ħaddiema nisa tqal. Bosta kategoriji ta’ maġistrati onorarji, jiġifieri kummissarji tal-ġustizzja onorarji tal-paċi (giudice onorario di pace), viċi prosekuturi onorarji (VPO) u mħallfin onorarji (GOT), ma jibbenefikawx minn status ta’ “ħaddiem” skont il-liġi nazzjonali Taljana, iżda jitqiesu bħala voluntiera li jipprovdu servizzi fuq bażi “onorarja”.

Minħabba dan in-nuqqas ta’ status ta’ ħaddiem, ma jibbenefikawx mill-protezzjoni tal-liġi tax-xogħol tal-UE. Dawn jinkludu n-nuqqas ta’ benefiċċji fil-każ ta’ mard, aċċidenti u tqala, l-obbligu li jirregjstraw mal-fond tal-Istitut Nazzjonali ta’ Protezzjoni Soċjali għal ħaddiema għal rashom, differenzi fil-paga u fil-modalitajiet tal-paga, diskriminazzjoni fit-taxxa, ebda rimborż tal-ispejjeż legali mġarrba waqt proċedimenti dixxiplinari u n-nuqqas ta’ liv tal-maternità mħallas. Mhumiex protetti biżżejjed kontra l-abbuż tal-kuntratti suċċessivi għal terminu fiss, u m’għandhomx il-possibbiltà li jiksbu kumpens xieraq għal tali abbuż. Barra minn hekk, l-Italja ma stabbilietx sistema biex tkejjel il-ħin tax-xogħol ta’ kuljum ta’ kull maġistrat onorarju.

L-Italja adottat leġiżlazzjoni ġdida f’Diċembru 2021, li ma solvietx dan it-tħassib. Ġew introdotti dispożizzjonijiet ġodda applikabbli għal ċerti maġistrati onorarji, li għadhom iqajmu kwistjonijiet ta’ konformità mal-liġi tal-UE. Għalhekk, fil-15 ta’ Lulju 2022, il-Kummissjoni ħarġet ittra ta’ intimazzjoni addizzjonali lill-Italja. Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata kienet inbidlet, għal raġunijiet proċedurali ma kienx possibbli li tinħareġ Opinjoni Motivata f’dan l-istadju.

¹ QĠUE C-658/18, *UX v Governo della Repubblica italiana*, ECLI:EU:C:2020:572.

² QĠUE C-236/20, *PG v Governo della Repubblica italiana*, ECLI:EU:C:2022:263.

L-Italja issa għandha xahrejn biex tiegħu l-miżuri meħtieġa, inkella l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tibgħat opinjoni motivata.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-ilmentaturi infurmati fuq is-segwitu li jsir għall-ilmenti tagħhom permezz ta' dan is-sit web.